**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Novembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 207/2023 AL

**AB**

**vs.**

**CDB**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' AB li permezz tiegħu ppremetta:

*1) Illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 Dicembru 1980 liema zwieg gie rregistrat skont l-att taz-zwieg bin-numru 2371/1980.*

[1] Fol. 1.

*2) Illi l-konvenuta bdiet proceduri ta' separazzjoni permezz ta' rikors guramentat tal- 21 Jannar 2008 liema proceduri gew konkluzi permezz ta' sentenza tat-8 Ottubru 2019 liema proceduri kienu sussegwentament soggetti ghal proceduri ta' ritrattazzjoni liema proceduri permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 Gunju 2023.*

*3) Illi l-ewwel Qorti sabet illi t-tort tat-tifrik taz-zwieg kien it-tort esklussiv ta' l-esponent u dan inter alia minhabba adulterju, liema fatt ghadu sallum ikkontestat mill-esponent.*

*4) Illi fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti l-esponent gie ordnat ihallas lill-konvenuta martu s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, flimkien mal-arretrati tal-manteniment.*

*5) Illi matul il-proceduri ta' ritrattazzjoni rrizulta mix-xhieda tal-konvenuta stess illi hija kellha relazzjoni adultera fiz-zmien meta l-kawza kienet ghada sub judice u cioe waqt is-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.*

*6) Illi, l-attur huwa ntitolat, allura in vista tal-adulterju tal-konvenuta, illi mill-gdid jintavola kawza ta' separazzjoni kontra l-konvenuta sabiex inter alia jigi dikjarat illi l-konvenuta tilfet id-dritt taghha illi tircievi manteniment allura in vista tal-adulterju taghha.*

*7) Illi minkejja li l-konvenuta kienet taf bil-proceduri ta' medjazzjoni (517/2023), l-konvenuta mhux talli ma attendietx, izda talli talbet illi l-istess proceduri jinghalqu permezz ta' rikors intavolat fl-atti ta' l-istess u b'hekk irrendiet il-possibilita li jigi evitat il-litigazzjoni bejn il-kontendenti impossibbli. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*8) Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet fl-att tal-medjazzjoni 517/2023 datat 4 Awwissu 2023 (DOK A).*

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:*

i. *tippronunzja mill-gdid is-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi C minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta u li jinkludi inter alia adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi;*

ii. *tiddikjara, in vista tal-htijiet taghha, illi l-konvenuta tilfet id-dritt taghha illi tircievi l-manteniment minghand zewgha l-attur inkluz b'mod partikolari l-manteniment stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet CDB vs AB (34/08 AGV) datata 8 ta' Ottubru 2019;*

iii. *tistabbilixxi d-data illi fiha l-konvenuta saret hatja t' adulterju u tordna illi b' effett minn dakinhar jew data ohra stabbilita' appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, il-konvenuta ddekadit mid-dritt taghha illi tircievi l-manteniment mill-attur zewgha u għalhekk tehles u tillibera lill-istess attur minn kull obbligu f'dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda ta’ l-attur.

Rat kopja tad-digriet ta’ din il-Qorti[2] li bih iddikjarat magħluqa l-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b’kawża u dan fit-termini mposti mill-liġi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet preżentat permezz ta’ Nota tal-attur fis-26 ta’ Settembru 2023;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[4] fejn eċċepiet kif ġej:

*1. Illi, ghal kull bon fini l-esponenti qed taghti ruhha notifikata b'dawn il-proceduri u qed tiehu l-opportunita tipprezenta r-risposta guramentata taghha.*

[2] Digriet tal-4 ta’ Awwissu 2023 a fol. 6.
[3] Fol. 11.
[4] Risposta tal-15 ta’ Settembru 2023 a fol. 9.

*2. Illi, in linja preliminari r-rikors kif propost huwa guridikament insostentibbli u perikoluz ghax kieku kellu jintlaqa' jgib fix-xejn l-ordinament guridiku.*

*3. Illi, għandu jinghad illi l-mertu ta din il-kawza huwa or mai ezawrit in toto (res juridicata) stante sentenza ta' separazzjoni definittiva numru 34/08AGV fit-8 t' Ottubru 2019, minn liema sentenza ma kienx hemm appell. Wara l- istess sentenza giet segwita b'kawza ta' ritratazzjoni 291/2019 JPG li giet deciza fit-30 ta' Jannar 2023 kontra ir-rikorrent, u wara sar appell li gie deciz fil-15 ta' Gunju 2023.*

*4. Illi, in oltre is-sentenza giet diga ezegwita permess ta' nota pprezentata fir- registru pubbliku numru; 34/08 in atti in-Nutar Carmelo Gafa.*

*5. Illi, minhabba fil-premess dan huwa wiehed mill-ftit kazi fejn kull risposta ulterjuri tkun verament superfluwa pero jinghad bla pregudizzju biss li dak li qed jghid ir-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.*

*6. Salv eccessjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenuta;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-insostenibbilità ta’ l-azzjoni odjerna u *res judicata*;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta tat-12 ta’ Jannar 2024[5] u d-dokumenti preżentati mill-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

Semgħet il-partijiet jitrattaw tali eċċezzjonijiet waqt is-seduta tat-23 ta’ April 2024;[6]

Rat l-atti proċesswali kollha;

[5] Fol. 91.
[6] Verbal a fol. 102.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-insostenibbilità ta' l-azzjoni odjerna u *res judicata*[7];

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-8 ta' Ottubru 2019[8] liema sentenza ma ġietx appellata u fiha ġie dikjarat illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' adulterju, sevizzi, inġurji u offiżi gravi;

Illi permezz tal-istess sentenza l-Qorti ddikjarat il-ħall taż-żwieġ tal-partijiet wara li l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur illi l-kawża tiġi konvertita għal kawża ta' divorzju;

Illi dawn il-proċeduri ġew soġġetti għal proċeduri ta' ritrattazzjoni miġjubin mill-istess attur, liem talbiet ġew respinti permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' Jannar 2023[9] liema sentenza ġiet konfermata fl-appell fil-15 ta' Ġunju 2023;[10]

Illi issa permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob illi fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel sentenza ta' separazzjoni iddikjaratu ħati esklussivament għat-tkissir taż-żwieġ u ordnatlu jħallas lill-konvenuta martu s-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment u peress illi matul il-proċeduri ta' ritrattazzjoni rriżulta mix-xhieda tal-konvenuta stess li fiż-żmien li l-kawża kienet għada sub judice hija kellha relazzjoni adultera, huwa għalhekk intitolat illi jintavola kawża ta' separazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi dikjarat illi l-konvenuta tilfet id-dritt tagħha illi tirċevi manteniment in vista tal-adulterju tagħha;

Illi minn naħa tal-konvenuta, hija eċċepiet illi dak propost mill-attur huwa ġuridikament insostenibbli u perikoluż għax kieku kellu jintlaqa' jġib fix-xejn l-ordinament ġurdiku;

---

[7] Verbal tat-23 ta' April 2024 a fol. 102.
[8] Fol. 20.
[9] Fol. 42.
[10] Fol. 61.

Illi l-konvenuta tgħid ukoll illi l-mertu ta' din il-kawża huwa ormai eżawrit *in toto* (*res judicata*) stante l-proċeduri definittivi ta' bejn il-partijiet.

### Ikkunsidrat

Illi l-Qrati tagħna kellhom iċ-ċans jesprimu ruħhom iktar minn darba fuq dan l-istess suġġett, fejn kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet **Eric Scerri vs Pancrazianella Scerri,**[11] il-ġurisprudenza provdiet rimedju għall-każijiet bħal dawn meta informazzjoni ġdida toħroġ fil-beraħ wara t-trapass tal-kawża ta' separazzjoni u wara li saħansitra din tgħaddi in ġudikat. Il-Qrati tagħna sostnew illi l-fatt li l-partijiet ikunu ġia separati ma huwiex ta' ostaklu għal xi parti li jitlob is-separazzjoni mill-ġdid.
Tgħid il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Gauci vs Francesca Gauci**[12] illi "*sentenza ta' separazzjoni personali tifforma ġudikat fuq dawk il-fatti biss li jkunu ddeterminawha, u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda oħra ta' separazzjoni bażata fuq fatti posterjuri. Ikompli jgħid l-imsemmi Professur Ciccaglione: -"Non può dirsi che una sentenza pronunziata in materia di separazione personale, e passata in cosa giudicata, abbia la stessa indole delle altre sentenze pronunziata su controversie economiche: in quanto nelle cause di separazione personale non si ha mai la cosa giudicata nel vero senso della parola...Difatti, mutate le condizione di fatto, niente impedisce al magistrato di ritornare, naturalmente dietro istanza della parte interessata, sulla cosa, e pronunziare una nuova sentenza. E` vero che questa non mira a modificare quella, ma può il magistrato ritornare sulla sua decisione per modificarla il nuovo state di cose""*

Din il-proċedura ma hix biss konformi għall-prattika kostanti iżda hija indispensabbli jekk wieħed irid jitlob illi jkun meħlus mid-dritt li jibqa' jagħti manteniment minħabba li n-naħa l-oħra allegatament tkun ħatja ta' adulterju. Il-ħtija tibda legalment teżisti biss mis-sentenza li tiddikjara dik il-ħtija u tawtorizza s-separazzjoni, bil-konsegwenza li mhix ġuridikament konċepibbli li jkun hemm dekadenza mingħajr ma jkun hemm kawża ta' separazzjoni deċiża b'sentenza li tiddikjara espressament id-dekadenza.

---

[11] Deċiża fit-23 ta' Marzu 2017 (Rik. Ġur. Nru. 236/11AL).
[12] Deċiża fis-27 ta' Ġunju 1952.

Tgħid l-istess sentenza "*Xejn ma jiswa li, kif jippretendi l-attur, kien hemm ġa sentenza ta' separazzjoni personali, u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' domanda oħra ta' separazzjoni. L-osservazzjoni mhix flokha, għaliex ħadd iżjed mill-attur ma jaf li dik is-sentenza ma kientx bażata fuq l-adulterju ta' martu, li hu jippretendi li ġie kommess posterjorment. Jekk hu veru li d-dekadenza mid-drittijiet hija effett tas-separazzjoni personali, dina d-dekadenza mid-drittijiet hija effett tas-separazzjoni personali, dina d-dekadenza tista' tintalab biss f'kawża ta separazzjoni …*"

Dan l-istess raġunament ġie ritenut mill-Qorti iktar riċenti fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor Franco Vassallo bħala mandatarju tal-imsiefer A B vs C D gja B**[13] **"***Illi rigward l-ewwel talba attrici,*[14] *il-Qorti tosserva li din it-talba hija necessarjament preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta li tkompli tircevi manteniment, u kif abbraccjat mill-gurisprudenza, ma timminax l-azzjoni ta' dekadenza, anzi hija meqjusa bhala talba neccessarja sabiex jgi applikat l-artikolu 48 tal-Kap.16.*"

Għalhekk jirriżulta illi mhux talli kawża, u talba, bħal din mhix insostenibbli iżda hija neċessarja għaliex ir-raġel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt li tirċievi manteniment mingħajr ma jagħmel kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta' adulterju, li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni inizjali u ssopravveniet wara.

Dan kollu hawn fuq premess għandu relevanza wkoll għall-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Filwaqt illi d-dottrina hawn fuq ċitata tgħallimna illi f'każijiet ta' separazzjoni personali, fatti li jirriżultaw wara li jistgħu jagħtu lok għal talba mill-ġdid għal separazzjoni personali, mingħajr dik oriġinali ma tkun reveduta, il-ġurisprudenza nostrali in materia ta' *res judicata* trid tlett elementi, u *ċioé* l-*eadem res*, l-*eadem personae* u l-*eadem causa petendi*.

---

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit- 23 ta' Ġunju, 2011 (Ċit. Nru. 216/2010NC)

[14] Permezz tal-ewwel talba l-attriċi talbet illi l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta.

Fil-kuntest ta' dak hawn fuq premess, huwa l-element ta' l-*eadem causa petendi* li ma jkunx sodisfatt, u dan *stante* li l-Qorti tkun adita b'talba ġdida fuq fatti ġodda li ma jkunux il-mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali li tkun ġiet deċiża preċedentement, u huma intiżi, bħal ma hu l-każ odjern, sabiex jitneħħa obbligu u d-dritt akkwiżit korellat ma' l-istess obbligu. Kif diġà ngħad it-talba għas-separazzjoni mill-ġdid hija neċessarja u prekursur sabiex issir it-talba biex il-konvenuta titqies li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment, *stante* li tali talba ma ssirx in vacuo.

GĦALDAQSTANT u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u l-ġurisprudenza ċitata, din il-Qorti tqis li r-rikors ġuramentat huwa validu u għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta għandhom jiġu miċħuda.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.